

Paġna ewlenija > Kwistjonijiet tal-familja u wirt > Ir-responsabbiltà tal-ġenituri - Il-kustodja tat-tfal u d-drittijiet ta' kuntatt

Fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, il-proċeduri u l-proċedimenti pendenti mibdija fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se jkomplu skont il-liġi tal-UE. Il-Portal tal-e-Ġustizzja, abbażi tal-ftehim reċiproku mar-Renju Unit, se jżomm l-informazzjoni rilevanti marbuta mar-Renju Unit sa tmiem l-2024.

Ir-responsabbiltà tal-ġenituri - il-kustodja tat-tfal u d-drittijiet ta' kuntatt

L-Irlanda ta' fuq

1 Xi tisser il-frażi fil-liġi "responsabbiltà tal-ġenituri" fil-prattika? Liema huma d-drittijiet u d-dmirijiet ta' detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri?

L-Ordni (tal-Irlanda ta' Fuq) tal-1995 dwar it-Tfal (Children (Northern Ireland) Order 1995) tiddefinixxi r-responsabbiltà tal-ġenituri bħala d-drittijiet, id-dmirijiet, is-setgħat u r-responsabbiltajiet kollha li ġenitur għandu, bil-liġi, fir-rigward tal-wild minuri tiegħu. L-Ordni ma telenkax x'inhuma dawk id-drittijiet u r-responsabbiltajiet. Madankollu, għe rikonoxxut li dawk b'responsabbiltà tal-ġenituri għandhom:

id-dmir li jipproteġu lill-wild minuri u jipprovdu dar u ħarsien;

il-kapaċità li jiddeterminaw fejn għandu jgħix il-wild minuri;

il-kapaċità li jiddeċiedu min jista' jkollu kuntatt mal-wild minuri;

id-dmir li jissalvagwardjaw l-edukazzjoni tal-wild minuri;

id-dritt li jagħtu kunsens għall-ħruġ ta' passaport;

obbligu li jiżguraw it-trattament jew assistenza medika u d-dritt li jagħtu kunsens għal tali trattament jew assistenza;

id-dritt li jagħtu isem lill-wild minuri;

id-dritt li jiżguraw li l-wild minuri jingħata tagħlim reliġjuż.

Ir-responsabbiltà tal-ġenituri għandha tiġi eżerċitata, f'kull ħin, fl-aħjar interess tal-wild minuri u dawk kollha b'responsabbiltà tal-ġenituri għandhom jiġu kkonsultati qabel ma tittieħed deċizzjoni importanti. Madankollu, jekk ma jkunx jista' jintlaħaq ftehim, il-qorti tista' tintalab issolvi l-kwistjoni.

2 Bħala regola ġenerali, min għandu r-responsabbiltà tal-ġenituri fuq l-ulied?

Jekk il-ġenituri tal-wild minuri kienu miżżewġin flimkien fil-mument tat-twelid tal-wild minuri, kull wieħed minnhom ikollu r-responsabbiltà tal-ġenituri għalih.

Jekk il-ġenituri tal-wild minuri ma kinux miżżewġin flimkien fil-mument tat-twelid tal-wild minuri, l-omm awtomatikament ikollha r-responsabbiltà tal-ġenituri għalih u l-missier jista' jikseb ir-responsabbiltà tal-ġenituri għalih billi:

jiżżewweġ l-omm;

jitlob lill-qorti toħroġ ordni ta' responsabbiltà tal-ġenituri favurih;

jidħol fi ftehim dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri mal-omm (ara l-mistoqsija 5 aktar 'il quddiem); jew

ikun irregiſtrat bħala missier il-wild minuri (dan japplika biss għal twelid irregiſtrat fir-Renju Unit wara l-15 ta' April 2002).

Jekk missier mhux miżżewweġ ikun kiseb ir-responsabbiltà tal-ġenituri permezz ta' ordni tal-qorti, ftehim jew regiſtrazzjoni, dik ir-responsabbiltà tista' tintemm biss permezz ta' ordni tal-qorti.

Jekk qorti toħroġ ordni ta' residenza lil missier mhux miżżewweġ, u jekk dan ma jkollux ir-responsabbiltà tal-ġenituri b'xi mod ieħor, din trid tagħmel ukoll ordni ta' responsabbiltà tal-ġenituri favurih.

Persuna li mhijiex ġenitur tista' tikseb ir-responsabbiltà tal-ġenituri għal wild minuri permezz ta' ordni tal-qorti.

3 Jekk il-ġenituri ma jkunux kapaċi jew ma jridux jeżerċitaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri fuq uliedhom, tista' tinħatar persuna oħra minflokhom?

Persuna li għandha r-responsabbiltà tal-ġenituri għal wild minuri ma tistax iċċedi jew tittrasferixxi dik ir-responsabbiltà. Madankollu, hija tista' tirraġa sabiex xi ħadd ieħor jaqdi dik ir-responsabbiltà f'isimha.

Barra minn hekk, persuna li mhijiex ġenitur tista' tikseb ir-responsabbiltà tal-ġenituri għal wild minuri billi tikseb ordni tal-qorti (pereżempju, ordni ta' residenza, ordni ta' protezzjoni ta' emerġenza jew ordni għall-ħarsien).

Bħala regola ġenerali, ġenitur ma jtitifx ir-responsabbiltà tal-ġenituri għal wild minuri b'mod awtomatiku sempliċement għaliex jiksibha ħaddieħor. Madankollu, ordni ta' adozzjoni tittrasferixxi r-responsabbiltà tal-ġenituri mill-ġenituri naturali għall-ġenituri adottivi.

Jekk ġenitur ikollu r-responsabbiltà tal-ġenituri għal wild minuri, huwa jista' jaħtar persuna oħra sabiex tkun it-tutor tal-wild minuri f'każ li jmut.

4 Jekk il-ġenituri jiddivorzjaw jew jinfirmdu, ir-responsabbiltà tal-ġenituri kif tkun iddeterminata għall-ġejjieni?

Ir-responsabbiltà tal-ġenituri għal wild minuri tkompli wara d-divorzju u hija limitata biss sal-punt li ftehim bonarju jew ordni tal-qorti jsovu kwistjonijiet bejn il-ġenituri jew bejn il-ġenituri u terzi persuni.

5 Jekk il-ġenituri jilhq u ftehim dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, liema formalitajiet għandhom ikunu riſpettati biex il-ftehim jorbot legalment?

Jekk il-ġenituri ma jkunux miżżewġin, huma jistgħu jidħlu fi ftehim dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri. Dan irid ikun:

fil-forma stabbilita fir-

Regolamenti (tal-Irlanda ta' Fuq) tal-1996 dwar it-Tfal (Ftehim dwar ir-Responsabbiltà tal-Ġenituri) (Children (Parental Responsibility Agreement) Regulations (Northern Ireland) 1996)

;

bix-xhieda preżenti; u

jiġi ppreżentat, flimkien ma' żewġ kopji, fl-Uffiċċju tal-Ħarsien u tal-Protezzjoni fil-Qrati Rjali tal-Ġustizzja f'Belfast (Office of Care and Protection in the Royal Courts of Justice, Chichester Street, Belfast, BT1 3JF).

Jekk il-ġenituri kienu miżżewġin, iżda jkunu sseparaw jew iddivorzjaw, huma jistgħu jaqblu dwar kif se jaqdu r-responsabbiltajiet tal-ġenituri tagħhom u li dak il-ftehim isir ordni tal-qorti, li jista' jinbidel fi stadju aktar tard sabiex iqis ċirkostanzi mibdula.

6 Jekk il-ġenituri ma jkunux jistgħu jilhq u ftehim dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, liema huma l-mezzi alternattivi biex jiġi solvut il-kunflitt mingħajr intervent tal-qorti?

Fl-Irlanda ta' Fuq hemm għadd ta' aġenziji li jipprovdu servizzi ta' medjazzjoni u li jistgħu jgħinu sabiex tinstab soluzzjoni amikevoli għat-tilwim. L-informazzjoni tista' tinkiseb mis-siti web tal-**UK College of Family Mediators**, tal-**Family Mediation Northern Ireland**, tal-**Barnado's Northern Ireland**, tal-**Family Support Northern Ireland**, tad-**Dispute Resolution Service Northern Ireland** u tal-**Mediation and Counselling Northern Ireland**.

7 Jekk il-ġenituri jmorru l-qorti, liema kwistjonijiet jistgħu jiġu deċiżi mill-imħallef fir-rigward tat-tfal?

Il-qorti fl-Irlanda ta' Fuq għandhom firxa wiesgħa ta' setgħat għad-dispożizzjoni tagħhom u, b'mod partikolari, jistgħu jsovvu kwistjonijiet relatati ma' – it-tneħħija tal-wild minuri mill-Irlanda ta' Fuq
ir-residenza (fejn u ma' min għandu jgħix il-wild minuri);
il-kuntatt (meta, fejn u ma' min jista' jkollu kuntatt il-wild minuri);
il-provvediment finanzjarju;
l-edukazzjoni;
it-tagħlim reliġjuż;
il-kura medika;
l-amministrazzjoni tal-patrimonju tal-wild minuri.

8 Jekk il-qorti tiddeċiedi li il-ġenitur wieħed biss għandu jkollu l-kustodja tal-ulied, dan ikun ifisser li huwa jew hija jistgħu jiddeċiedu dwar l-affarijiet kollha li jirrigwardjaw it-tfal mingħajr ma qabel jikkonsultaw lill-ġenitur l-ieħor?

Il-qorti għarf u l-ħtieġa għal arranġamenti flessibbli u prattiċi kull meta jkun possibbli. Għalhekk, jekk ġenitur ikun qiegħed jieħ u ħsieb wild minuri, dak il-ġenitur irid ikun jista' jieħ u d-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu waqt li jkun qiegħed jieħ u ħsieb il-wild minuri.
Fl-istess ħin, hemm aspettattiva li d-deċiżjonijiet ewlenin jiġu diskussi mal-ġenitur l-ieħor u jiġu solvuti b'mod amikevoli. Madankollu jekk ma jintlaħaqx ftehim, il-qorti tista' tagħti ordni speċifika dwar il-kwistjonijiet (li ssolvi kwistjoni partikolari) jew ordni dwar passi pprojbiti (li tspecifika t-tip ta' deċiżjoni li ma tistax tittieħed mingħajr il-kunsens tal-qorti).

Jekk fir-rigward tal-wild minuri ikun hemm ordni ta' residenza fis-seħħ, l-ebda persuna ma tista' ġġiegħel li l-wild minuri jkun magħruf b'kunjom ieħor jew li jitneħħa mir-Renju Unit għal xahar jew aktar mingħajr il-kunsens bil-miktub ta' kull persuna li għandha r-responsabbiltà tal-ġenituri jew mingħajr il-kunsens tal-qorti.

9 Jekk il-qorti tiddeċiedi li l-ġenituri għandu jkollhom il-kustodja konġunta ta' uliedhom, dan xi jfisser fil-prattika?

Meta l-wild minuri jkun ma' ġenitur wieħed, dak il-ġenitur jieħ u d-deċiżjonijiet ta' rutina meħtieġa. Madankollu, huwa mistenni li l-ġenitur l-ieħor jiġi kkonsultat dwar id-deċiżjonijiet ewlenin.

10 Għand liema qorti jew awtorità għandi nirrikorri jekk inkun irrid nippreżenta rikors dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri? Liema formalitajiet għandhom ikunu rispettati u liema dokumenti għandi nehmeż mar-rikors tiegħi?

Normalment, rikors għal ordni li tagħti r-responsabbiltà tal-ġenituri għandu jiġi ppreżentat quddiem Qorti tal-Proċedimenti tal-Familja (Family Proceedings Court). Madankollu, jekk ikun hemm proċedimenti oħra tal-familja relatati mal-wild minuri li jkun pendenti f'qorti oħra, ir-rikors jista' jiġi ppreżentat f'dik il-qorti. Il-proċedimenti mitfuħa f'Qorti tal-Proċedimenti tal-Familja (Family Proceedings Court) jistgħu jiġu ttrasferiti lill-Ċentru tal-Ħarsien tal-Familja (Family Care Centre) jew lill-Qorti Superjuri (High Court) għal numru ta' raġunijiet (pereżempju, jekk ikunu kumplessi jew jinvolvu kwistjoni ta' interess pubbliku ġenerali). L-indirizzi u n-numri tat-telefown tal-qorti jinsabu fis-sit web tal-qorti tas-

[Servizz tal-Qrati u tat-Tribunali tal-Irlanda ta' Fuq \(Northern Ireland Courts and Tribunal Service\)](#).

Hemm numru ta' formoli li jridu jintlew u jiġu ppreżentati fl-uffiċċju tal-qorti rilevanti. Il-biċċa l-kbira ta' dawn iż-żewġ formoli standard. L-uffiċċju tal-qorti jkun jista' jipprovi kopji tal-formoli u jispjega kif għandhom jintlew. Madankollu, il-persunal tal-qorti ma jistax jagħti parir legali jew jgħidlek x'għandek tgħid. Trid titħallas tariffa tal-qorti wkoll.

11 Liema proċedura tapplika f'dawn il-każijiet? Jista' wieħed jagħmel użu minn proċedura ta' emerġenza?

Meta jiġi ppreżentat ir-rikors, l-uffiċċju tal-qorti jistabbilixxi data għas-seduta u l-parti l-oħra tiġi nnotifikata b'dik id-data. Jekk il-kwistjoni ma tiġix solvuta qabel id-data stabbilita għas-seduta, magiistrat jew imħallef jisma' x-xhieda u jieħ u deċiżjoni. Ma hemm l-ebda proċedura ta' emerġenza sabiex tinkiseb ir-responsabbiltà tal-ġenituri.

12 Nista' nikseb għajjuna legali biex inkopri l-ispejjeż tal-proċedura?

Int intitolat(a) tapplika għal għajjuna legali. Madankollu, il-livell tal-assistenza finanzjarja pprovduta (jekk tikkwalifika) huwa soġġett għal valutazzjoni tal-mezzi finanzjarji. Anki jekk tiġi vvalutat(a) bħala finanzjarjament eliġibbli, jista' jkollok bżonn tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja għall-ispejjeż. Bi ftehim, din il-kontribuzzjoni tista' titħallas lura lill-Aġenzija tas-Servizzi Legali (Legal Services Agency) fuq perjodu ta' żmien. Minbarra l-kriterji ta' eliġibbiltà finanzjarja, trid tissodisfa wkoll test tal-mertu, jiġifieri li jrid ikun hemm bażi raġonevoli sabiex tiftaħ jew tiddefendi l-proċedimenti u jrid ikun raġonevoli fiċ-ċirkostanzi kollha li tagħmel hekk.

13 Ikun possibbli li jsir appell kontra deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri?

Jista' jsir appell:

minn Qorti tal-Proċedimenti tal-Familja (Family Proceedings Court) għal Ċentru tal-Ħarsien tal-Familja (Family Care Centre); u

minn Ċentru tal-Ħarsien tal-Familja għall-Qorti Superjuri (High Court)

kontra deċiżjoni li tilqa' jew tiċħad il-ħruġ ta' ordni.

Fl-appell, il-Qorti Superjuri tista', fuq talba ta' parti, tirreferi kwistjoni dwar punt ta' dritt għall-opinjoni tal-Qorti tal-Appell (Court of Appeal). Inkella, id-deċiżjoni tal-Qorti Superjuri tkun finali.

Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell dwar il-kawża ddiġarata mill-Qorti Superjuri hija finali.

14 F'ċerti każijiet, jista' jkun meħtieġ li wieħed japplika lill-qorti jew lill-awtorità oħra għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri. Liema proċedura tapplika f'każ bħal dan?

F'Qorti tal-Proċedimenti tal-Familja (Family Proceedings Court) (fejn tinstema' l-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet relatati mal-wild minuri) jista' jsir rikors sabiex tiġi indirizzata kwistjoni speċifika relatata mal-eżerċitar tar-responsabbiltà tal-ġenituri. Id-dettalji ta' kuntatt huma elenkati aktar 'il fuq.

15 X'għandi nagħmel biex deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri maħruġa minn qorti fi Stat Membru ieħor tiġi rikonossuta u infurzata f'dan l-Istat Membru?

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2001/2003 ("Brussell IIa") jipprevedi li ċerti deċiżjonijiet dwar l-eżerċitar tar-responsabbiltà tal-ġenituri mogħtija fi Stat Membru wieħed jiġu eżegwiti fi Stat Membru ieħor.

Id-deċiżjoni trid tkun ġiet iddikjarata eżegwibbli f'dak l-Istat l-ieħor. Fl-Irlanda ta' Fuq trid tressaq rikors sabiex id-deċiżjoni tiġi rreġistrata fil-Qorti Superjuri.

16 Fl-liema qorti f'dan l-Istat Membru għandi nirrikorri biex nopponi r-rikonossiment ta' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri maħruġa minn qorti fi Stat Membru ieħor? Liema proċedura tapplika f'dawn il-każijiet?

Ikollok tikkontesta r-rikonossiment fil-qorti fl-Istat Membru l-ieħor skont il-proċedura applikabbli f'dik il-qorti.

17 Liema liġi għandha tiġi applikata mill-qorti fi proċediment dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri meta t-fal jew il-partijiet ma jkunux jgħixu f'dan l-Istat Membru jew ikunu ta' nazzjonalitajiet differenti?

Il-proċedimenti jridu jiġu ppreżentati quddiem il-qorti fil-ġurisdizzjoni fejn il-wild minuri ikun abitwalment residenti.

Jekk il-qorti fl-Irlanda ta' Fuq tiddeċiedi li għandha ġurisdizzjoni sabiex tittratta l-proċedimenti, hija tapplika l-liġi tal-Irlanda ta' Fuq.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu [l-feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.



Your
Europe

This webpage is part of an EU quality network

L-aħħar aġġornament: 11/08/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.